# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 447/2015 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Scott Walter Charles**
**ID 66858A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' lis-socjeta' attrici 's-somma ta' seba' mija u sitta u disghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€796.22) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40185912 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relative u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici li ‘kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ seba’ mija u sitta u disghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€796.22) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas l-ammont ta’ seba’ mija u sitta u disghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€796.22) bl-imghax legalimid-data tal-prezentata,  sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza  jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**